# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 22

Il-Hamis, 6 t'Awwissu, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar,
fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 21 li saret nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju, 2009 kienu konfermati.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

Dwar il-ftehim ta' Gnien Hastings, il-Vici Sindku staqsa kif kien il-ftehim rigward attivitajiet fil-gnien. Is-Sindku wiegeb li l-Busy Bee kellu l-esklussivita` ta' gnien Hastings fejn jidhlu t-tigijiet u catering biss. Dwar attivitajiet ohra dawn iridu jitolbu l-permess tal-Kunsill. Huma wkoll marbutin li jghaddu lill-Kunsill €5000 fis-sena ekwivalenti tal-fee ta' hames tigijiet fis-sena. F'kaz li jsiru aktar minn hames tigijiet, jghaddu lill-Kunsill, €1,000 ghal kull tieg.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li hu ma kienx jaqbel li ghal catering trid bilfors tmur ghand il-Busy Bee.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-laqgha ghall-Kunsillieri ta' Malta u Ghawdex ser issir is-Sibt, 5 ta' Settembru fil-lukanda Dolmen. Konferma ta' attendenza ghandha tasal ghand is-Segretarju Ezekuttiv sas-27 ta' Awwissu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillieri u l-istaff kienu mistednin ghal wine festival ta' Delicata;

- Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill Memo 47/2009 dwar 'Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf'. Il-Kunsill qabel li jippartecipa.

- Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill draft ta' *leaflet* li ser isir b'informazzjoni dwar il-belt Valletta. Kien hemm qbil dwar dan;

- Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-formola ghan-nominazzjoni ghall-Anzjan tas-Sena;

- Tressqet ukoll quddiem il-Kunsill, talba mill-ADT ghal parkegg riservat ghal persuna b'dizabilita` fi Triq Sant'Ursola. Il-Kunsill talab laqgha ma' l-ADT dwar dawn il-parkeggi riservati qabel ikompli jaghti l-opinjoni tieghu dwar dawn it-talbiet;

- Il-Kunsill qabel li jikri siggijiet u mobile toilets ghal waqt attivita` li ser issir mill-Ghaqda tal-Pawlini, il-Hadd, 9 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel li fil-budget tas-sena d-diehla ikun hemm budget apposta sabiex jghin dawn l-attivitajiet li jigu organizzati mill-erba' festi principali. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ghandu jirrikonoxxi l-hidma u l-gid li jaghmlu dawn l-ghaqdiet fil-Belt;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta’ ringrazzjament minghand resident fi Triq San Guzepp ghar-riorganizazzjoni tal-parkegg li sar f’din it-triq;

- Tressqu quddiem il-Kunsill id-disinji sabiex jigi riabilitat id-ditch ta’ kif tispicca Triq ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel mad-disinji u ghalhekk ghandu jinbeda l-process ghall-permess mill-MEPA;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta’ ringrazzjament mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha ghall-koperazzjoni tal-Kunsill fl-attivita` ‘L-Ibliet lejn il-Majjistral’.

- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill b’Memo 42/09 dwar skema ta’ inizjattivi ta’ attivitajiet 2010’.

- Il-Kunsillier Farrugia ressaq rapport swar seminar li attenda fuq il-Wirt Kulturali u l-Att tal-Kurazija.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Xoghol fi Triq ir-Repubblika***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fi Triq ir-Repubblika hu mistenni jibda fl-ewwel gimgha t’Ottubru.

***Time Attendance ghall-impjegati***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tigi nstallata time attendance ghall-impjegati. Huwa qal li kien talab li jsir dan wara li innota numru ta’ nuqqasijiet.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li hu flimkien mal-Kunsillieri Laburisti ma kenux jaqblu mal-mod kif inxtara dan il-punch clock minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u wisq anqas ma jaqblux li hemm bzonn punch clock fl-ufficcju tal-Kunsill. Ghaldaqstant il-Kunsillier Azzopardi ressaq dawn il-mistoqsijiet lis-Sindku.

1. Taf li ksirt il-ligi finanzjara tal-Kunsilli Lokali ghaliex l-ewwel trid tkun approvata n-nefqa imbghad jinxtara l-oggett u f' seduta ohra jigi approvat il-hlas?

Is-Sindku wiegeb li hu kien qieghed iressaq dan ghall-approvazzjoni tal-Kunsill fis-seduta ta’ llum. Huwa qal li ghalkemm ma tressqitx qabel, kien informa lis-Segretarju Ezekuttiv biex iressaqha fis-Seduta li jmiss.

2. Ghaliex ma hassejtx li ghandek l-ewwel titkellem mal-Kunsillieri?

Is-Sindku wiegeb li ma riedx li dawn l-abbuzi jibqghu isiru u deherlu li kellu jiehu azjoni immedjata biex iwaqqafhom minnufih.

3. Ghaliex hassejt il-htiega li taghmel punch clock mela hemm min qed jabbuza mill-impjegati u jekk iva min? Jekk le allura x' kien hemm bzonn nonfqu Euro 850 meta hawn tant affarijiet x' taghmel fil-belt?

Is-Sindku wiegeb li jdejjqu l-fatt li jigi filghodu u fid-disgha n-nies ikunu ghadhom ma bdewx jinqdew. Kaz partikolari is-Sindku wasal il-Kunsill fit-8:00am u l-istaff kollu

wasal ftit minuti qabel it-8:30am dan meta l-istaff suppost jibda fit-8:00am. Impjegat partikulari, is-Sur Frans Bonnici li huwa sekondat mal-Kunsill mid-Dipartiment tad-Distretti, regolarment jidhol ghax xoghol ghal xi d-9:00am. Dan minkejja li inghatawlu bosta warnings verbali u anka wiehed bil-miktub.

Is-Segretarju Ezekuttiv iddikjara li qatt ma kien hemm abbuz mill-hinijiet mill-istaff li hu impjegat direttament mal-Kunsill, anzi dawn dejjem ghamlu hin aktar u li qatt ma talbu hlas ghalih.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li ghalhekk kellha tingibed l-attenzjoni tal-haddiem partikolari u mhux issir nefqa ta’ madwar €850. Jekk baqa’ jonqos dan l-impjegat tittiehed azzjoni ma’ dan l-impjegat. B’dan l-agir, is-Sindku qed juri nuqqas ta’ fiducja fl-impjegati.

Is-Sindku qal li hu ma setghax ihalli din l-inefficjenza fil-Kunsill ghax il-kunsill qieghed hemm ghas-servizz tac-cittadin. Is-Sindku qal li hu hass li kellu jiehu din l-inizjattiva b’mod immedjat.

Il-Kunsillier Farrugia qal li l-kuncett tal-punch clock sar ‘a must’ u qieghed jigi nstallat ukoll fid-Dipartimenti u Ministeri tal-Gvern.

4 Min se jippancja? Il-haddiema klerikali jew kulhadd? Jekk se jippancja kulhadd, nistghu naraw record ta' min ippancja u min ma ippancjax ghaliex?

Is-Sindku wiegeb li il-hin ta kulhadd se jigi irrekordjat, inkluz il-haddiema ta’ l-IPSL u dawk li huma sekondati mal-Kunsill u m’hemm l-ebda diffikulta li wiehed jara r-records.

5 Int bhala Segretarju Ezekuttiv gbidtlu l-attenzjoni lis-sindku li ma jistghax jaghmel nefqa bla ma jkun hemm approvazzjoni tal-Kunsill? Jekk le ghalfejn m' ghamiltx dan u jekk iva, x' kienet ir-risposta tas-Sindku?

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien informa lis-Sindku li nefqa bhal din ghandha tigi l-ewwel approvata mill-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li tinxtara u wara jirreleta dan fis-seduta tal-Kunsill li jmiss minhabba li kien kaz urgenti.

F’dan l-istadju, il-Kunsillier Borg, filwaqt li sostniet li ma taqbilx mal-mod kif inxtara l-punch clock, infurmat lill-Kunsill li kellha titlaq mis-Seduta minhabba impenn iehor.

Is-Segretarju qal ukoll li f’kazijiet fejn in-nefqa ma taqbizx l-€1165, m’hemmx il-htiega li jingabru kwotazzjonijiet, izda kull xiri suppost irid l-ewwel ikollu l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Vici Sindku qal li din ma kenitx saret b’intenzjoni hazina. Barra minhekk, amministrattivament, is-Sindku huwa l-*head* tal-Kunsill u ghandu dritt jaghmel dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Vici Sindku li skond il-Ligi li twaqqaf il-Kunsilli Lokali is-Segretarju Ezekuttiv huwa l-Kap Ezekuttiv, finanzjarju u amministrattiv tal-Kunsill.

Ghaldaqstant, b’erba’ voti favur u tnejn kontra gie kkonfermat ix-xiri tal-punch clock.

## AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

Kien hemm qbil li jinbeda l-process biex jingieb il-permess tal-MEPA ghat-tpoggija ta' arblu fil-car park tas-Central Bank. Ghandhom jigu identifikati zewg siti possibli ghal dan il-ghan.

## TMIEM

Fis-7.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku